MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Rikors Numru. 1218/1997/1

Vincent Borg
vs
Il-Professur Roger Ellul Micallef bhala Rettur u in rappresentanza ta' l-Universita` ta' Malta

It-Tribunal,

RIKORS:
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew habta ta' l-1988 u l-1989 huwa sofra ingustizzja f'li gie mcahhad minn promozzjoni li kien jikkwalifika ghaliha.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent kien dahal jahdem ma' l-Universita` ta' Malta fl-1966 bhala Trainee Technician. Fl-1968 huwa lahaq Technician II fl-1981, wara sehja ghall-applikazzjonijiet, huwa lahaq Chief Technician.

Fl-1989, meta r-rikorrent kien jokkupa l-grad ta' Chief Technician fid-Dipartiment tal-Kirurgija Dentali fi hdan l-Universita` ta' Malta, kien gie ffirmat ftehim kollettiv bejn l-istess Universita` ta' Malta u l-Union Haddiema Maqghudin, b'liema ftehim kienu gew ristrutturati l-gradi tat-technicians. Dan il-ftehim li kien sar minghajr konsultazzjoni mal-General Workers Union li taghha kien membru r-rikorrent, kien gie fis-sehh b'effett mill-ewwel (1) ta' Settembru ta' l-1988.

Permezz ta' dan il-ftehim, ir-rikorrent, minflok ma kien gie promoss ghall-grad ta' Laboratory Technician III, tpogga fil-grad ta' Laboratory Technician II.

Ta min josserva illi dan il-grad ta' Laboratory Technician li ntlahaq awtomatikament minn teknici ohrajn illi kellhom kwalifiki u esperjenza inqas minn dawk tar-rikorrent, u li kienu f'dak iz-zmien jokkupaw gradi inqas minn dak tar-rikorrent.

Ta min wiehed josserva illi grupp ta' teknici illi lahqu Chief Technicans qabel l-1981 gew promossi ghall-grad ta' Laboratory Technician III u dan meta bosta minnhom ma kienux jissodisfaw ir-rekwiziti mnizzla fl-istess ftehim kollettiv.

Kien biss f'Mejju 1997 illi r-rikorrent inghata l-promozzjoni ghall-Laboratory Technician III.
Minhabba din l-ingustizzja r-rikorrent kien sofra u ghadu jsofri danni finanzjarji minhabba l-fatt illi huwa kien gie mcahhad minn promozzjoni li kien intitolat ghaliha fl-1989, u b'konsegwenza t'hekk huwa kien inghata zewg increments, mentri fil-fatt, li kieku huwa inghata l-promozzjoni ghall-grad ta' Laboratory Technican illi fl-1989 huwa kien intitolat ghall-erba (4) increments.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jinghata l-promozzjoni ghal Laboratory Technician III b'effett minn Settembru tal-1988 u li jithallas l-arretrati tal-paga minn din id-data sa l-ahhar ta' April 1997, jew jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 u dana taht kull provediment xieraq u opportun li joghogbu jaghti dan it-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

ECCEZZJONIJIET:
Ra r-risposta tal-Professur Roger Ellul Micallef bhala Rettur u in rapprezentanza ta' l-Universita` ta' Malta li eccepixxa:

Illi l-Universita` ma kkommettiet l-ebda ingustizzja mar-rikorrent u dan billi huwa nghata dawk il-promozzjonijiet kollha li kienu jisthoqqulu u bl-ebda mod ma gie mcahhad minn xi promozzjoni ghall-liema huwa kien intitolat kif huwa allega.

Ghalhekk il-pretensjoni tieghu li huwa sofra xi ingustizzja ma hiex fondata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

PROVI:
Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li dahal jahdem ma' l-Universita` ta' Malta fl-1966 bhala Trainee Technician.  Fl-1968 lahaq Technician u fl-1981 lahaq Chief Technician.  Fl-1989 meta kien Chief Technician fid-Dipartiment tal-Kirurgija Dentali fi hdan l-Universita` ta' Malta, gie ffirmat ftehim kollettiv bejn l-Universita` ta' Malta

u l-Union Haddiema Maghqudin, b'liema ftehim gew ristrutturati l-gradi tat-Technicians. Dan il-ftehim gie fis-sehh b'effett mill-1 ta' Settembru 1988 liema ftehim kien sar minghajr konsultazzjoni mal-General Workers Union li taghha kien membru.

Qal li b'dan il-ftehim, flok ma gie promoss ghall-grad ta' Laboratory Officer III, tpogga fil-grad ta' Laboratory Officer II. Semma illi grupp ta' teknici li lahqu Chief Technicians qabel l-1981 kienu gew promossi ghall-grad ta' Laboratory Officer III, u dan meta bosta minnhom ma kienux jissodisfaw ir-rekwiziti mnizzla fl-istess ftehim kollettiv. Kompla jghid li r-raguni li nghata kienet illi hu ma kellux tahtu laboratorji u technicians, kundizzjoni li kienet inkluza fl-artikolu 6 tal-ftehim kollettiv biex wiehed jigi promoss ghall-Laboratory Officer III izda kontra dak li sostnew l-intimati, fl-1989 hu kellu tahtu l-Oral Pathology Laboratory, microscopy room, kif ukoll audio visual library zghira.

Semma li kienu hu u Tessie Micallef li gew imcahhda minn dik il-promozzjoni. Sostna li John Zarb u Charles Borg Galea kellhom laboratorju wiehed biss tahthom, u l-ebda technician, izda xorta nghataw il-promozzjoni ghall-Laboratory Officer III li kienet tfisser 4 increments, filwaqt li l-promozzjoni li nghata hu ghall-Laboratory Officer II kienet tfisser 2 increments. Zied jghid li fl-1993 kienet harget sejha ghall-promozzjonijiet ghall-grad ta' Laboratory Officer III, izda hu ma kienx applika ghax hass li hu kien intitolat ghall-dik il-promozzjoni fl-1989 u r-rekwiziti ta' l-1993 kienu differenti minn dawk ta' l-1989. Kien f'Mejju 1997, li r-rikorrent kien inghata l-promozzjoni ghall-Laboratory Officer III u minhabba dik l-ingustizzja sofra u ghadu jsofri danni finanzjarji minhabba li kien gie mcahhad minn promozzjoni li kien intitolat ghaliha fl-1989.

Ir-rikorrent qal li nghata l-opportunita` jara l-file tieghu, l-Universita` u f'dak il-file ra ittri mill-Profs. Borg Costanzi li kienet tghid li r-rikorrent, xi hadd iehor, kif ukoll Tessie Micallef, ma setghux jigu assimilati fil-gradi in kwistjoni, propju ghax ma kienux jissodisfaw, ir-requirements mehtiega. Qal li kopja ta' dik l-ittra r-rikorrent qatt ma nghata l-permess li jinghata mill-Universita`. Semma

wkoll li kien hemm ittra ohra preparata miktuba mir-rettur, fejn tghid li r-rettur jinsab konfuz fuq is-sitwazzjoni, u se jiehu decizjoni propju kif jidhirlu hu. Barra hekk ghandu notament ukoll, ta' minute council, 4/96/97, datata 19 ta' Mejju 1997 u din tirrigwarda section 242 paragraph B, fejn hemm imnizzel li l-promotions board kellu ftehim propju mal-Union. Il-ftehim kollettiv kien sar biss mal-UHM. Hemm imnizzel ukoll li l-bord wara li rega' ra l-kaz tar-rikorrent wasal ghal konkluzjoni li r-rikorrent ghandu jinghata l-promozzjoni ghall-Laboratory Officer III ghax kien hemm bzonn urgenti ta' ufficjal b'esperjenza biex jikkordina numru ta' laboratorji. Semma li kien hemm enfasi fuq l-esperjenza, u dak iz-zmien hu kien Laboratory Officer II, izda kien ilu jaghmel xoghol ta' Laboratory Officer III minn 1987 u anke qabel, fil-fatt minn 1980 kien jithallas ta' Laboratory Officer II.

Ir-rikorrent esebixxa prospett finanzjarju li pprepara hu personalment fejn it-total gie jammonta ghal Lm6514. Qal li l-kalkolazzjonijiet li ghamel kienu mill-1988 sa l-1996 u hija d-differenza fil-paga bejn Laboratory Officer II fejn fil-fatt kien tpogga u Laboratory Officer III li hu kkontesta fejn suppost poggewh. Semma li hu kien talab prospett mill-Universita` izda kienu kitbulu li biex isiru dawk il-kalkolazzjonijiet ried jintalab mit-Tribunal innifsu. Ghalhekk wara li rcieva dik ir-risposta mill-Universita` hu ghamel il-kalkolazzjonijiet a bazi ta' l-"agreement on the assimilation and grading of non-academic staff" fl-Universita` ta' Malta.

Kompla jghid li l-Professur Borg Costanzi li kien Rettur ta' l-Universita` u Joe Borg tal-UHM kienu whud mill-firmatarji ta' l-agreement fl-1989. Qal li hu dak iz-zmien kien is-shop steward tal-GWU. Qal li hu qatt ma kien fil-kariga ta' Senior Technician ghax dik il-kariga ma kenitx tezisti meta kien gie promoss Chief Technician u ma kienx hemm nies ohrajn li kienu Senior Technicians.

Xehed Ronnie Attard Direttur tal-Finanzi fl-Universita` ta' Malta fejn semma li fil-file hemm l-agreement li kien sar mal-UHM fejn f'dak l-agreement kienet giet esebita lista ta' dawk li kellhom jilhqu Laboratory Officer 1 u 2. Qal li r-

rikorrent jidher bil-grad tieghu dak iz-zmien li kien Chief Technician qieghed imnizzel taht Laboratory Officer 2. Semma li mill-file ma sab l-ebda rapporti avversi kontra r-rikorrent sakemm sar l-agreement. Zied jghid li r-raguni ghax ma sarx forsi kienet peress li hu kien fid-dipartiment tad-dental surgery, dan kien dipartiment zghir, u ghalhekk kienu jispiccaw b'zewg chief technicians. Qal li meta r-rikorrent kien jilmenta ma' l-Universita`, ir-rettur ta' dak iz-zmien il-Profs Borg Costanzi kien tah ir-raguni taht clause 6 ta' l-agreement li kien sar izda ma jafx jekk ir-rettur kienx ikkonsulta jew le. Meta mistoqsi liema kienu dawk li saru Laboratory Officer III, qal li l-hames persuni huma mnizzlin fil-lista taht il-grad ta' Laboratory Officer III. Semma lil John Zarb li kien fl-istess dipartiment tar-rikorrent fejn qieghed elenkat fid-dental surgery. Qal li John Zarb bhala Seniority kien jigi qabel ir-rikorrent.

Kompla jghid li r-rikorrent qabel 1988 kien Chief Technician fid-Dipartiment tad-Dental Surgery. Esebixxa l-estimi tal-academic years 1988/1989, u tal-1989/90, liema dokumenti juru li l-academics fil-complement tal-academic study kien jikkonsist f'2.56 kull time equivalence, u n-non academic staff jew l-auxiliary staff kif inhu msemmi kien jikkonsisti f'hamsa minn nies. Minn zewg Chief Technicians, zewg Technicians, Clerk u Clerk 1. Imbaghad jkopri wkoll ir-running expenses tad-Dipartiment. Semma li meta gie r-rikorrent skond l-agreement il-grad tieghu kien ta' Lab Officer 2. Fl-istess fakulta` kien hemm John Zarb, li kien gie re-structured bhala Lab Officer III u dan ghax kien aktar senior.

Qal li l-grad ta' Senior Technician ma kienx jezisti u wara l-1974 permezz ta' agreement li kien sar, Senior Technicians kienu saru Chief Technicians. Ir-rikorrent qatt ma kien Senior Technician peress li qatt ma kien jezisti dak il-grad. Esebixxa zewg dokumenti li jitkellmu fuq il-fakulta` tad-dentistrija, li hija differenti mid-dipartiment ta' l-isptar u qal li meta r-rettur kiteb l-ittra kien qed jitkellem fuq id-Dipartiment ta' l-Isptar, u mhux fuq il-fakulta' tad-dentistrija. Esebixxa wkoll il-workings kollha mnizzla u spjegati fir-rigward ta' Lab Officers 2 u Lab Officers 3. Ir-rikorrent kien ha biss zewg increments u

mhux aktar minhabba li kien gie considered bhala restructured u dan skond kif kien jghid l-agreement.

Ma eskludiex li r-rikorrent kien involut fiz-zewg dipartimenti jigifieri fil-fakulta` u fl-isptar.  Qal li kien hemm tlett persuni li ma lahqux Lab Officer 3 li kienu Chief Technicians Tessie Micallef, ir-rikorrent, u Scicluna Bastjan u dan skond l-agreement li kien gie ffirmat fl-1988/1989.  Dwar Carmel Borg Galea li kien fid-dipartiment tal-Obs and Gynae, qal li dak id-dipartiment kien zghir izda qal li Borg Galea kien il-Medical School meta kien gie promoss ghal Lab Officer 3.

Esebixxa l-kwalifiki ta' John Zarb, il-letter of appointment ta' Charlie Borg Galea, u request li kienet saret mill-professur Edwin Grech li kien Chairman tad-dipartiment tal-Gynae and Obstetrics, fejn talab li Charles Borg Galea jigi trasferit mid-dipartiment tal-anatomija ghad-Dipartiment tal-Gynae and Obstretrics.

Attard qal li d-Dental Surgery bhala location qeghda fil-Medical School u l-fakulta` tal-Medicina u Dental Surgery hija teaching hospital ghalhekk bilfors li jkun hemm relazzjoni bejn l-isptar u l-fakulta`.

Qal li jista' jkun dan li jkun hemm apparat ta' l-isptar l-Universita` qieghed go l-isptar u li jkun hemm nies li jahdmu fil-medicina fid-dental u jkunu 'sited' go l-isptar jew inkella jkunu kemm fil-Local School of Health u kemm fl-isptar.  Qal li l-pagi f'dawn il-kazi jithallsu mill-Universita`.

KONKLUZJONIJIET:
L-ilment tar-rikorrent huwa bbazat fuq li gie mcahhad milli jinghata l-kariga ta' Laboratory Officer III meta intlehaq ftehim kolletiv bejn l-Universita` u l-Union Haddiema Maghqudin u minflok tpogga fil-pozizzjoni ta' Laboratory Officer II.  Qabel ma gie ffirmat il-Ftehim Kollettiv hu flimkien ma' seba' persuni ohra kienu jokkupaw il-kariga ta' Chief Technician.  Hamsa minn dawn lahqu l-kariga ta' Laboratory Officer III waqt li r-rikorrent u tnejn ohra spiccaw Laboratory Officer II bhal kwantita` kbira ta' persuni ohra li qabel dan il-ftehim kienu jokkupaw kariga

inferjuri u cioe` Technician II. Ir-rikorrent kien lehaq Technician II fl-1968, u Chief Technician fl-1981. Il-Ftehim Kollettiv gie ffirmat fl-1989 u kawza ta' dak li gara hu gie ekwiparat ghal haddiema li kienu Technician II liema kariga kien ha promozzjoni minna tmien snin qabel. Meta sar il-ftehim ma saret ebda konsultazzjoni mal-General Workers' Union li taghha r-rikorrent kien membru.

Gara ghalhekk li Chief Technicians ohra saru Laboratory Officers III waqt li r-rikorrent gie mpoggi fil-kariga ta' Laboratory Officer II. Kien biss f'Mejju tal-1997 illi r-rikorrent inghata l-promozzjoni ghal Laboratory Officer III. Jinghad li ma kienx hemm rapporti negattivi kontra r-rikorrent. Sal-1987 ir-rikorrent kien jikkordina x-xoghol f'diversi laboratorji. Ix-xoghol tar-rikorrent gie mfahhar minn diversi ufficjali gholja. Irrizulta wkoll li r-rikorrent kellu diversi kwalifiki u kien ferm kompetenti. Donnu li lir-rikorrent ma nghatatx l-kariga li xtaq minhabba l-artikolu 6 tal-Ftehim Kollettiv li jghid: "The Grade of Laboratory Officer III shall be linked with being in charge of a group of laboratories and/or a number of other Laboratory Officers." Zmien minnhom ir-rikorrent kien gie moghti din bhala raguni izda hu jsostni li xorta wahda kien inkarigat minn diversi laboratorji u kellu nies tahtu. Zgur li l-Ftehim Kollettiv ma intlahaqx mal-Union li kien membru taghha r-rikorrent.

Certament mhux qieghed jinghad li xi persuna ppruvat taghmel xi ingustizzja mar-rikorrent izda bhala stat ta' fatt b'dak li sar giet kommessa ingustizzja mieghu fit-termini tal-Att VIII tal-1997. Ma setghux il-partijiet tal-Ftehim Kollettiv jaghmlu ftehim li jikkawza ingustizzja mar-rikorrent ghax minghajr ma riedu ikkawzaw dan. Mhux sewwa li r-rikorrent rega' spicca fil-pozizzjoni li kien fiha tmien snin qabel. Certament hu difficli li meta tkun qieghed taghmel ftehim kollettiv tahseb u tgharbel il-kaz ta' kull individwu izda xorta wahda gara dak li gara mar-rikorrent.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat. Peress li f'dan il-kaz it-Tribunal jista' jaghti biss kumpens finanzjarju ghax ir-rikorrent lahaq Laboratory Officer III fl-

1997, hu jordna li jithallas lir-rikorrent bhala kumpens id-differenza tal-paga li ha r-rikorrent minn dik li kien jiehu li kieku gie moghti l-kariga ta' Laboratory Officer III fl-1989, basta li l-ammont ma jaqbisx il-hamest elef lira.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------